32001L0035

L 136/42 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 18.5.2001

# ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISJONI 2001/35/KE

## tal-11 ta' Mejju 2001

## li temenda l-Annessi mad-Direttiva tal-Kunsill dwar il-fissar tal-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi ġewwa u fuq ċerti prodotti li joriġinaw mill-pjanti inklużi il-frott u l-ħaxix ta' l-ikel

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat illi jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar il-fissar tal-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi ġewwa u fuq ċerti prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inklużi l-frott u l-haxix ta' l-ikel [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2000/82/KE [2], u b'mod partikolari Artikolu 7 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/42/KE [3] iffissat il-livelli massimi tar-residwi (LMFijiet) li għandhom x'jaqsmu mal-kombinazzjonijiet tal-pestiċidi/ikel, li kienu tħallew miftuħa fid-Direttivi tal-Kunsill 94/29/KE [4], 94/30/KE [5], 95/38/KE [6], 95/39/KE [7], 96/32/KE [8], 96/33/KE [9] u d-Direttiva tal-Kummissjoni 98/82/KE [10]. Id-dħul ta' hawn fuq fl-Annessi mad-Direttivi tħallew "miftuħa", jew kienu ffissati fuq bażi temporanju, minħabba li ma kienx hemm disponibbli informazzjoni biżżejjed, fid-dati ta' l-adozzjoni tagħhom, sabiex tiġġustifika l-fissar tal-limiti massimi tar-residwi fuq il-livell Komunitarju sa l-1 ta' Lulju 2000. Il-għan li tiġi ffissata t-temma taż-żmien imsemmija kien illi tipprovdi lill-partijiet interessati b'ħin biżżejjed sabiex tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa li tgħin, fejn approprjat u ġġustifikat, l-adozzjoni tal-livelli massimi tar-residwi fuq il-livell Komunitarju 'l fuq mil-limitu l-aktar baxx ta' kif jiġu stabbiliti analitikament. Fil-perjodu taż-żmien ta' qabel l-iskadenza tat-temma taż-żmien, ġiet evalwata l-informazzjoni disponibbli u f'ċerti każi ma kenitx ikkunsidrata adegwata għalbiex tiġġustifika l-fissar tal-livelli massimi tar-residwi ogħla mil-limitu ta' kif jiġu stabbiliti analitikament.

(2) Wara l-pubblikazzjoni tad-Direttiva 2000/42/KE, il-Kummissjoni rċeviet talbiet, appoġġjati b'aktar informazzjoni, għalbiex tirrevedi l-livelli li fihom ġew iffissati l-LMFijiet għal ċerti kombinazzjonijiet ta' pestiċidi/ikel bis-saħħa tad-Direttiva 2000/42/KE. L-applikazzjonijiet u d-data ġew riveduti, u għal ċerti kombinazzjonijiet l-informazzjoni kienet biżżejjed sabiex tiġġustifika l-fissar ta' LMFijiet ogħla mil-limitu l-aktar baxx ta' kif jiġu stabbiliti analitikament. Għal kombinazzjonijiet oħra l-informazzjoni disponibbli għadha mhix adegwata u huwa approprjat illi jiġu ffissati l-livelli massimi tar-residwi fil-livell l-aktar baxx ta' kif jiġu stabbiliti analitikament. Għal kombinazzjonijiet oħra l-informazzjoni issa disponibbli hija biżżejjed sabiex turi illi l-fissar tal-livell massimu tar-residwi ogħla mil-livell l-aktar baxx ta' kif jiġu stabbiliti analitikament jista' joħloq espożizzjoni akuta u kronika tal-konsumatur għar-residwi. F'dawn il-każi, il-livelli massimi tar-residwi għandhom jibqgħu fissi fil-limitu iktar baxx ta' kif jiġu stabbiliti analitikament.

(3) L-espożizzjoni tul il-ħajja tal-konsumaturi għal dawn il-pestiċidi permezz tal-prodotti ta' l-ikel li jinħolqu mill-użi tagħhom fil-protezzjoni tal-pjanti u, fejn japplika, fil-mediċina veterinarja ġiet stmata u evalwata skond il-proċeduri u l-prattiċi wżati fil-Komunità Ewropea filwaqt li tqiesu l-linji gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa [11] u ġie kkalkolat illi l-livelli massimi tar-residwi iffissati f'din id-Direttiva ma joħolqux eċċess għall-proċess tat-teħid ta' kuljum aċċettabbli.

(4) L-espożizzjoni akuta tal-konsumaturi għal dawn il-pestiċidi permezz ta' kull wieħed mill-prodotti ta' l-ikel illi jista' jkun fih ir-residwi ta' dawn il-pestiċidi ġiet stmata u evalwata skond il-proċeduri u l-prattiċi wżati fil-Komunità Ewropea, filwaqt li tqiesu l-linji gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Ġie kalkolat illi l-livelli massimi tar-residwi iffissati għall-pożizzjonijiet miftuħa fid-Direttiva preżenti ma joħolqux effetti tossiċi akuti.

(5) L-imsieħba kummerċjali tal-Komunità jridu jiġu kkonsultati dwar il-livelli stabbiliti f'din id-Direttiva permezz ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u l-kummenti tagħhom fuq dawn il-livelli jridu jiġu kkunsidrati.

(6) L-opinjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku tal-Pjanti, b'mod partikolari l-parir u r-rakkommandazzjonijiet li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-konsumaturi tal-prodotti ta' l-ikel ittrattati bil-pestiċidi, ġew meħuda f'kunsiderazzjoni. Il-metodoloġija deskritta mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, riferita hawn fuq, kif applikata mill-Istati Membri rapportaturi, iċċekjata u evalwata mill-Kummissjoni fil-qafas tal-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti, taqbel mal-gwida mogħtija mill-Kumitat Xjentifiku tal-Pjanti [12].

[1] ĠU L 350, ta' l-14.12.1990, p. 71.
[2] ĠU L 3, tas-6.1.2001, p. 18.
[3] ĠU L 158, tat-30.6.2000, p. 51.
[4] ĠU L 189, tat-23.7.1994, p. 67.
[5] ĠU L 189, tat-23.7.1994, p. 70.
[6] ĠU L 197, tat-22.8.1995, p. 14.
[7] ĠU L 197, tat-22.8.1995, p. 29.
[8] ĠU L 144, tat-18.6.1996, p. 12.
[9] ĠU L 144, tat-18.6.1996, p. 35.
[10] ĠU L 290, tad-29.10.1998, p. 25.

[11] Il-linji gwida għalbiex jitbassar il-proċess tat-teħid fl-ikel tar-residwi tal-pestiċidi (irriveduti), imħejjija mill-GEMS/il-Programm ta' l-Ikel b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Codex dwar ir-residwi tal-Pestiċidi, ippubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (ODS/FSF/FOS/97.7).
[12] SCP/RESI/021; SCP/RESI/024

(7) Il-miżuri provduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Il-livelli massimi tar-residwi elenkati fl-Anness ma' din id-Direttiva għandhom jieħdu l-post ta' dawk elenkati f'Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE għall-pestiċidi fil-kwistjoni.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fi-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva l-iktar tard sat-30 ta' Ġunju 2001. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Għandhom japplikaw dawn il-miżuri mill-1 ta' Lulju 2001.

*Artikolu 3*

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-11 ta' Mejju 2001.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

| Il-Gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom japplikaw l-LMFijiet | Ir-residwi tal-Pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Il-Klorotalonil | Il-Klormekwat | L-Endosulfan (is-somma ta' l-isomeri alfa ul-isomeri us-sulfat endosulfanespressi bħalaendosulfan) | Dikofol (is-somma p.p- u o.p-isomeri) |
| 1. Il-Frott, frisk, imnixxef jew mhux misjur, ippriżervat permezz tal-friża li ma jkunx fih zokkor miżjud; il-ġewż | | | | |
| (i) IL-FROTT TAĊ-ĊITRU | 0,01 (*) | 0,05 (*) | 0,5 | 2 |
| It-Tronġ | | | | |
| Il-Lumi | | | | |
| Il-Lime | | | | |
| Il-Mandolin (inklużi l-klmentini u ibridi oħra) | | | | |
| Il-Lariġ | | | | |
| Pil-Pomelos | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (ii) IL-ĠEWŻ TAS-SIĠAR (imqaxxar jew bil-qoxra) | 0,01 (*) | 0,1 (*) | 0,1 (*) | 0,05 (*) |
| Il-Lewż | | | | |
| Il-Ġewż Brazil | | | | |
| Il-Ġewż cashew | | | | |
| Il-Qastan | | | | |
| Ġewż ta' l-Indi | | | | |
| Ġellewż | | | | |
| Ġewż Makadamja | | | | |
| Il-Pecan | | | | |
| Iż-żerriegħa tal-prinjol | | | | |
| Il-Pistaċċi | | | | |
| Il-Ġewż | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (iii) IT-TUFFIEĦ | 1 | [a] | 0,3 | 0,02 (*) |
| It-Tuffieħ ta' Belludja | | | | |
| Il-Lanġas | | 0,5 [t] [a] | | |
| Il-Quince | | | | |
| Oħrajn | | 0,05 (*) [a] | | |
| (iv) IL-FROTT TA' L-GĦADMA | 1 | 0,05 (*) | | 0,02 (*) |
| Il-Berquq | 1 | | | |
| Iċ-Ċirasa | | | | |
| Il-Ħawħ (inklużi ċ-ċiprisk u ibridi bħalhom) | | | 0,5 | |
| L-Għajnbaqar | | | | |
| Oħrajn | 0,01 (*) | | 0,05 (*) | |
| (v) IL-BERRIES U L-FROTT IRQIQ | | 0,05 (*) | | |
| (a) Il-Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid | | | 0,5 | 2 [a] |
| Il-Għeneb tal-mejda | 1 | | | [a] |
| Il-Għeneb ta' l-inbid | 3 | | | [a] |
| (b) Il-Frawli (barra mis-selvaġġ) | 3 | | 0,05 (*) | 0,02 (*) |

| Il-Gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom japplikaw l-LMFijiet | Ir-residwi tal-Pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Il-Klorotalonil | Il-Klormekwat | L-Endosulfan (is-somma ta' l-isomeri alfa ul-isomeri us-sulfat endosulfanespressi bħalaendosulfan) | Dikofol (is-somma p.p- u o.p-isomeri) |
| (c) Il-Frott tal-Qasab (barra mis-selvaġġ) | | | 0,05 (*) | 0,02 (*) |
| It-Tut | 10 [a] | | | |
| Id-Rubus caesius | | | | |
| Il-Rubus ursinus loganobaccus | | | | |
| Ir-lampuni | 10 | | | |
| Oħrajn | 0,01 (*) | | | |
| (d) Frott irqiq ieħor u berries oħra (barra mis-selvaġġ) | | | 0,05 (*) | 0,02 (*) |
| Il-Bilberries | | | | |
| Il-Cranberries | 2 | | | |
| Il-Passolina (ħamra, sewda u bajda) | 10 | | | |
| Il-Gooseberries | 10 | | | |
| Oħrajn | 0,01 (*) | | | |
| (e) Il-Berries selvaġġi u l-frott selvaġġ | 0,01 (*) | | 0,05 (*) | 0,02 (*) |
| (vi) MIXXELLANJI | | | 0,05 (*) | 0,02 (*) |
| L-Avocado | | | | |
| Il-Banana | 0,2 | | | |
| It-Tamal | | | | |
| It-Tin | | | | |
| Il-Kiwi | | | | |
| Il-Kumquwat | | | | |
| Il-Litchi | | | | |
| Il-Mango | | | | |
| Iż-Żebbuġ | | 0,1 (*) | | |
| Il-Passion fruit | | | | |
| L-Ananas | | | | |
| Ir-Rummien | | | | |
| Oħrajn | 0,01 (*) | 0,05 (*) | | |
| 2. Il-Ħaxix ta' l-ikel, frisk jew mhux imsajjar, iffriżat jew niexef | | [a] | | |
| (i) ĦAXIX TA' L-IKEL TA' L-GĦERUQ U TAT-TUBERI | | 0,05 (*) [a] | 0,05 (*) | 0,02 (*) |
| Il-Pitravi | | | | |
| Il-Karrotti | 1 | | | |
| Il-Krafes bl-għerq oħxon (Celeriac) | 0,5 | | | |
| Il-Għerq Mustarda | | | | |
| L-Artiċokk | | | | |
| Iz-Zunnarija l-bajda | | | | |
| Il-Għerq tat-tursin | | | | |
| Ir-Ravanell | | | | |
| Is-Sassefrika | | | | |
| Il-Patata ħelwa | | | | |
| In-Nevew | | | | |
| Il-Ġidra | | | | |
| Il-Yam | | | | |
| Oħrajn | 0,01 (*) | | | |

| Il-Gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom japplikaw l-LMFijiet | Ir-residwi tal-Pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Il-Klorotalonil | Il-Klormekwat | L-Endosulfan (is-somma ta' l-isomeri alfa ul-isomeri us-sulfat endosulfanespressi bħalaendosulfan) | Dikofol (is-somma p.p- u o.p-isomeri) |
| (ii) IL-ĦAXIX TA' L-IKEL TAL-BASLA | | 0,05 (*) [a] | 0,05 (*) | 0,02 (*) |
| It-Tewm | 0,5 | | | |
| Il-Basal | 0,5 | | | |
| Ix-Xalott | 0,5 | | | |
| Il-Basal aħdar (tar-Rebbiegħa) | 5 | | | |
| Oħrajn | 0,01 (*) | | | |
| (iii) IL-ĦAXIX TA' L-IKEL LI JAGĦTI L-FROTT | | 0,05 (*) [a] | | |
| (a) Is-Solanacea | 2 | | | [a] |
| It-Tuffieħ Tadam | | | 0,5 | 1 [a] |
| Il-Bżar | | | 1 [a] | |
| Il-Brunġiel | | | | |
| Oħrajn | | | 0,05 (*) | 0,02 (*) [a] |
| (b) Il-Kukurbit, il-qoxra li tittiekel | | | 0,05 (*) | 0,2 |
| Il-Ħjar | 1 | | | |
| Il-Gherkin | 5 | | | |
| Il-Qara' bagħli żgħir | | | | |
| Oħrajn | 0,01 (*) | | | |
| (c) Il-Qara' li tinfirex ma' l-art, il-qoxra li ma tittikilx | 1 | | 0,3 | 0,5 |
| Il-Bettieħ | | | | |
| Il-frott tal-pjanta li tinfirex fl-art tal-ġenu Kukurbit | | | | |
| Id-Dulliegħ | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (d) Il-Qamħ ir-rum ħelu | 0,01 (*) | | 0,05 (*) | 0,02 (*) |
| (iv) IL-ĦAXIX TA' L-IKEL BRASSIKA | | 0,05 (*) [a] | 0,05 (*) | 0,02 (*) |
| (a) Il-Brassika li tagħmel il-fjuri | 3 | | | |
| Il-Brokkoli | | | | |
| Il-Pastard | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (b) Il-Brassika tar-ras | | | | |
| Il-Brussel sprouts | 0,5 | | | |
| Il-Kaboċċi tar-ras | 3 | | | |
| Oħrajn | 0,01 (*) | | | |
| (c) Brassika tal-weraq | 0,01 (*) | | | |
| Il-Kaboċċa Ċiniża | | | | |
| Il-Kale | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (d) Il-Ġidra | 0,01 (*) | | | |
| (v) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAL-WERAQ U L-ĦWAWAR FRISKI | | 0,05 (*) [a] | 0,05 (*) | 0,02 (*) |
| (a) Il-Ħass u simli | 0,01 (*) | | | |
| Il-Krexxun | | | | |
| Il-Lamb's Lettuce | | | | |
| Il-Ħass | | | | |
| L-iScarole | | | | |
| Oħrajn | | | | |

| Il-Gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li ghalihom japplikaw l-LMFijiet | Ir-residwi tal-Pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Il-Klorotalonil | Il-Klormekwat | L-Endosulfan (is-somma ta' l-isomeri alfa ul-isomeri us-sulfat endosulfanespressi bhalaendosulfan) | Dikofol (is-somma p.p- u o.p-isomeri) |
| (b) L-Ispinaċi u simili | 0,01 (*) | | | |
| L-Ispinaċi | | | | |
| Il-weraq tal-pitravi (chard) | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (c) Il-Water cress | 0,01 (*) | | | |
| (d) Il-Witloof | 0,01 (*) | | | |
| (e) Il-Ħwawar | 5 | | | |
| Il-Maxxita | | | | |
| Il-Kurrat | | | | |
| It-Tursin | | | | |
| Il-Weraq tal-Krafes | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (vi) IL-ĦAXIX TA' L-IKEL TAL-LEGUMI (frisk) | | 0,05 (*) [a] | 0,05 (*) | 0,02 (*) |
| Il-Ful/Fażola (bil-miżwed) | | | | |
| Il-Ful/Fażola (mingħajr miżwed) | 0,05 | | | |
| Il-Piżelli (bil-miżwed) | 2 | | | |
| Il-Piżelli (mingħajr miżwed) | 0,3 | | | |
| Oħrajn | 0,01 (*) | | | |
| (vii) IL-ĦAXIX TA' L-IKEL TAZ-ZOKK (frisk) | | 0,05 (*) [a] | 0,05 (*) | 0,02 (*) |
| L-Asparagu | | | | |
| Il-Cardoon | | | | |
| Il-Krafes | 10 | | | |
| Il-Bużbież | | | | |
| Il-Qaqoċċ | | | | |
| Il-Kurrat | 10 | | | |
| Ir-Rabarbru | | | | |
| Oħrajn | 0,01 (*) | | | |
| (viii) IL-FUNGI | | [a] | 0,05 (*) | 0,02 (*) |
| (a) Il-Faqqiegħ kultivat | 2 | 1 [a] | | |
| (b) Il-Faqqiegħ selvaġġ | 0,01 (*) | 0,05 (*) [a] | | |
| 3. Ħaxix ta' l-ikel tal-miżwed | 0,01 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,02 (*) |
| Il-Ful/Fażola | | | | |
| Il-Għazz | | | | |
| Il-Piżelli | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| 4. Iż-Żerriegħa taż-żejt | | 0,1 (*) | | |
| Iż-Żerriegħa tal-kittien | | | | |
| Il-Karawett | 0,05 | | | |
| Iż-Żerriegħa tal-peprin | | | | |
| Il-Ġulġlien | | | | |
| Iż-Żerriegħa tal-ġirasol | | | | |
| Iż-Żerriegħa tal-lift | | | | |
| Iż-Żerriegħa tas-soja | | | 0,5 | |
| Iż-Żerriegħa tal-mustarda | | | | |
| Iż-Żerriegħa tal-qoton | | | 0,3 | 0,1 |
| Oħrajn | 0,01 (*) | | 0,1 (*) | 0,05 (*) |

| Il-Gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom japplikaw l-LMFijiet | Ir-residwi tal-Pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Il-Klorotalonil | Il-Klormekwat | L-Endosulfan (is-somma ta' l-isomeri alfa ul-isomeri us-sulfat endosulfanespressi bhalaendosulfan) | Dikofol (is-somma p.p- u o.p-isomeri) |
| 5. Il-patata<br>Il-Patata bikrija<br>Il-patata li tinħażen | 0,01 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,02 (*) |
| 6. It-Te (il-weraq u z-zkuk, niexfa, iffermentati jew xorta oħra, mill-weraq tal-Camellia sinensis) | 0,1 (*) | 0,1 (*) | 30 | 20 |
| 7. Il-Ħopp (imnixxef), inkluži l-gerbub tal-ħopp u t-trab mhux konċentrat | 50 | 0,1 (*) | 0,1 (*) | 50 |

(*) Jindika l-limitu iktar baxx kif jiġi stabbiliti analitikament.

*Nota:* Ghall-konvenjenza tal-qarrej, l-LMFijiet huma indikati b'tipi hoxnin meta jirriflettu bidliet relattivi għal-l-LMFijiet fl-Annessi tad-Direttivi ċabel id-Direttiva 2000/42/KE, meta indikati b'tipi normali, ikunu re-iterazzjonijiet ta' l-LMFijiet eżistenti.

([a]) Jindika bidla fejn għandha x'taqsam id-Direttiva 20000/42/KE.

([t]) LMF temporanju sal-31 ta' Lulju 2003 ibbażata fuq it-thollija għas-sena ta' wara minħabba l-użu minn qabel, fejn illum ma jeżistux aktar awtoriżżazzjonijiet.